

Brussell, 21 ta' Ottubru 2020
(OR. en)

12137/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0251(COD)

CODEC 1037
ENT 124
ENV 648
MI 419
PE 70

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 168/2013 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi dwar vetturi ta' tmiem is-serje tal-kategorija L b'rispons għat-tifqigħa tal-COVID-19 - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Brussell, mid-19 sat-22 ta' Ottubru 2020)

I. INTRODIZZJONI

F1-14 ta' Ottubru 2020, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma li jekk il-Parlament Ewropew japprova l-proposta tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq mingħajr emendi, il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

F'dan il-kuntest, ir-rapporteur, Maria GRAPINI (S&D, RO), ippreżentat rapport fisem il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, li għandu l-għan li jinkorpora l-proposta tal-Kummissjoni. Ma tressqet l-ebda emenda oħra.

II. VOTAZZJONI

Il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-20 ta' Ottubru 2020 bl-inkorporazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni. Din il-pożizzjoni tinsab fir-riżoluzzjoni leġislattiva tiegħu.

Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tinsab fl-Anness hawnhekk, u b'hekk jagħlaq l-ewwel qari għaż-żewġ Istituzzjonijiet.

L-att leġislattiv imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi mal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

P9_TA-PROV(2020)0268

Emenda tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi dwar vetturi ta' tmiem is-serje tal-kategorija L b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19 *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2020 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 168/2013 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi dwar vetturi ta' tmiem is-serje tal-kategorija L b'rispons għat-tifqigħa tal-COVID-19 (COM(2020)0491 – C9-0285/2020 – 2020/0251(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2020)0491),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0285/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,
- wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-14 ta' Ottubru 2020, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 52(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A9-0190/2020),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-20 ta' Ottubru 2020 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2020/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 168/2013 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi dwar vetturi ta' tmiem is-serje tal-kategorija L b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja¹,

¹ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2020.

Billi:

- (1) Il-kriżi tal-COVID-19 ikkawżat tfixkil fil-katina tal-provvista ta' partijiet u komponenti kritiċi ta' vetturi tal-kategorija L u tnaqqis sostanzjali fid-domanda għal dawk il-vetturi. Dan wassal għal dewmien sinifikanti għall-manifatturi biex ibiegħu l-istokk tagħhom ta' vetturi Euro 4 li, skont l-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², jeħtieġ li jiġu rreġistrati qabel l-applikazzjoni tal-istadju ambjentali Euro 5 fl-1 ta' Jannar 2021.
- (2) Ir-regoli dwar tmiem is-serje stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 168/2013 jippermettu lill-manifatturi jkomplu jqiegħdu fis-suq, jirreġistraw jew idaħħlu fis-servizz parti limitata ta' stokk ta' vetturi tal-kategorija L li ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq, jew li ma jistgħux jibqgħu jitqiegħdu fis-suq, minħabba d-dħul fis-seħħ ta' rekwiżiti tekniċi ġodda li minħabba fihom dawk il-vetturi ma ġewx approvati.
- (3) Meta jitqies it-tfixkil ikkawżat mill-kriżi tal-COVID-19, jidher li r-regoli dwar tmiem is-serje fir-Regolament (UE) Nru 168/2013 ma jikkostitwixxux mekkaniżmu xieraq biex jiġi indirizzat l-ammont ta' vetturi Euro 4 tal-kategorija L li l-manifatturi se jkollhom fl-istokk tagħhom wara l-applikazzjoni tal-istadju ambjentali Euro 5.

² Ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 52).

- (4) Minħabba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mill-kriżi tal-COVID-19, u biex jiġi evitat tfixkil potenzjali tas-suq, jeħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 sabiex jinkludi miżuri speċifiċi dwar vetturi ta' tmiem is-serje b'rispons għall-kriżi tal-COVID-19.
- (5) Sabiex jiġi żgurat li l-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri speċifiċi dwar tmiem is-serje tkun ristretta għal vetturi li kienu parti mill-istokk fi żmien il-lockdowns nazzjonali, jenħtieġ li l-ammont ta' vetturi li jibbenefikaw minn dawn il-miżuri speċifiċi ta' tmiem is-serje ma jaqbiżx l-għadd ta' vetturi Euro 4 tal-kategorija L li kienu parti mill-istokk fil-15 ta' Marzu 2020.

- (6) Minħabba li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jemenda r-regoli dwar tmiem is-serje, applikabbli għas-sena 2021, tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 b'rispons għall-kriżi tal-COVID-19, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' pjuttost, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.
- (7) Minħabba l-urġenza li tirriżulta miċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mill-kriżi tal-COVID-19, jitqies li huwa xieraq li tiġi prevista eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-TUE, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (8) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 168/2013 jiġi emendat skont dan,
- (9) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ bħala kwistjoni ta' urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fil-Kapitolu XI tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 44a

Miżuri speċifiċi dwar vetturi ta' tmiem is-serje b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19

1. B'deroga mill-Artikolu 44, u soġġett għall-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, vetturi li jikkonformaw ma' tip ta' vettura li l-approvazzjoni tat-tip tal-UE tagħha mhux ser tibqa' valida fl-1 ta' Jannar 2021 skont l-Artikolu 37(2), punt (a), jistgħu jitqiegħdu fis-suq, jiġu rreġistrati jew jiddaħħlu fis-servizz bħala vetturi ta' tmiem is-serje sal-31 ta' Diċembru 2021.
2. L-għadd ta' vetturi ta' tmiem is-serje msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż l-għadd ta' vetturi b'approvazzjoni tat-tip tal-UE li mhux ser tibqa' valida mill-1 ta' Jannar 2021 skont l-Artikolu 37(2), punt (a) u li kienu parti mill-istokk fil-15 ta' Marzu 2020.

3. Manifattur li jixtieq jibbenefika mid-deroga msemija fil-paragrafu 1 għandu jressaq talba lill-awtorità nazzjonali ta' kull Stat Membru fejn il-vetturi inkwistjoni jkunu se jitqiegħdu fis-suq, jiġu rreġistrati jew jiddaħħlu fis-servizz, filwaqt li jindika l-għadd ta' vetturi ta' tmiem is-serje li għalihom tintalab id-deroga msemija fil-paragrafu 1.

L-awtorità nazzjonali kkonċernata għandha tiddeċiedi, fi żmien xahar minn meta tirċievi t-talba, jekk għandhiex tippermetti r-reġistrazzjoni ta' dawk il-vetturi ta' tmiem is-serje fit-territorju tagħha, u għal kemm minnhom.

4. Entrata speċjali li tikkwalifika l-vetturi bħala "2021 ta' tmiem is-serje" għandha ssir fiċ-ċertifikat ta' konformità tal-vetturi li jiddaħħlu fis-servizz skont il-paragrafu 1.
5. Sal-1 ta' Lulju 2021, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-għadd ta' vetturi li għalihom ikun inġhata l-istatus ta' tmiem is-serje skont dan l-Artikolu."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President
